MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Numru 225/2003

**Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 279, 278**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**

**v**

**KEVIN CAMILLERI**

**Seduta ta' llum, 11 ta' Marzu 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN CAMILLERI** ta' wiehed u tletin sena bin Joseph Randolph u Antoniette nee Borg Olivier, imwieled Tas Sliema nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru 1971 u joqghod 'Cresta Flats', Flat 14, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita numru 531871M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli minn gewwa residenza sitwata fi Triq l-Madliena, Swieqi, f'xi hin bejn t-tlieta w ghoxrin u l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2003 ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom pompi tal-ilma, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u sar ghad-dannu ta' Wibke Siefert;
2. Talli minn gewwa residenza sitwata fi Triq in-Nebbieta f'H'Attard, f'xi hin matul il-lejl bejn d-disgha w ghoxrin  w t-tletin ta' Jannar 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom *appliances* domestici, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin u sar ghad-dannu ta' George Grech;
3. Talli minn gewwa residenza sitwata fi Triq il-Mielah fis-Swieqi, f'gurnata fix-xahar ta' Frar 2003 f'xi hin matul l-lejl, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom *HiFi equipment*, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin u sar ghad-dannu ta' Anthony Camilleri;
4. Talli minn gewwa residenza sitwata fi Triq il-Galata fis-Swieqi, Madliena f'xi hin bejn il-hdax u t-tnax ta' Frar 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom apparat domestiku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin u sar ghad-dannu ta' Anthony Bone; u
5. Talli minn gewwa residenza sitwata fi Triq il-Qasba fis-Swieqi, f'xi hin matul il-lejl bejn s-sbatax u t-tmintax ta' Frar 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom *appliances* domestici liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin u sar ghad-dannu ta' Angela Attard.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ewwel ta' Marzu 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti

wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi d-Difiza sostniet li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' droga u fil-fatt kien diga nstab hati b'sentenza tal-Qorti fuq pussess tad-droga eroina fis-sena 2000, pero kien qed jaghmel sforz sabiex jgheleb dan il-vizzju tant li fix-xahar ta' Dicembru 2002 qabel ma fil-fatt kkommetta r-reati akkuzat bihom llum f'dawn il-proceduri, huwa kien talab l-ghajnuna tal-Fondazzjoni OASIS sabiex jibda programm ta' disintossifikazzjoni b'mod residenzjali.

Illi ghalhekk a bazi ta' din s-sottomissjoni il-Qorti hasset il-htiega li tisma rappresentant tal-Fondazzjoni OASIS qabel m'ghaddiet biex taghti s-sentenza.

Illi **fis-seduta tal-hamsa ta' Marzu 2002 xehed Noel Scerri** li huwa **rappresentant tal-Fondazzjoni OASIS** li kkonferma li l-imputat veru kien talab l-assistenza taghhom u li kienu fl-istadju li jaccettawh biex jibda programm residenzjali u dan wara li l-istess imputat jaghmel d-disintossifikazzjoni mehtiega mad-Detox Centre.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita u facilita biex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba u affidabilita u ghalhekk

kien jisthoqqlu li jinghata kull cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox huwa wkoll  jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Illi l-Qorti qiset wkoll dak li ddikarjat il-Prosekuzzjoni fl-atti nhar l-ewwel ta' Marzu 2003 u cioe li l-imputat irritorna l-parti l-kbira tar-res furtiva u li din tinsab f'idejha u ser tigi ritornata lil sidha legittimu una volta tlesti mill-investigazzjonijiet taghha li ghandha ghaddejja fil-konfront ta' terzi persuni.

In oltre rat li n-numru ta' akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat f'dawn il-proceduri gew inizjati a bazi tal-ammissjoni tieghu stess waqt li rrilaxxja l-istqarrija tieghu esibita f'dawn l-atti markata bhala dokument CSH 1 kif del resto stqarr l-Ufficjal Prosekutur.

Il-Qorti qiset wkoll l-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn c-cirkostanzi hija wahda ta' prigunerija u dan minhabba r-ripetizzjoni tal-istess reat ta' serq fi zmien qasir ghad-detriment ta' terzi. Pero hija trid tikkreja bilanc bejn l-interess tas-socjeta u l-gustizzja li trid taghmel mal-imputat li wara kollox huwa wkoll jifforma parti mill-istess socjeta u ghalhekk thoss li l-piena karcerarja ghandha tkun wahda sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tpoggi lil istess imputat KEVIN CAMILLERI taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi bil-kundizzjoni li l-imputat jaghmel perjodu ta' rihabilitazzjoni bl-isperanza li bil-gwida u l-assistenza ta' Ufficjal tal-Probation, hu jirnexxilu jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.**

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 279, 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat KEVIN CAMILLERI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan b'zieda ai termini tal-artikolu 28(g)(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin taht supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg bil-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. Illi matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat probationer ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer Carmen Borg, inkluz kull direttivi li hi thoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. Illi l-imputat probationer ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer Carmen Borg skond d-direttivi li din taghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer Carmen Borg tkun trid hekk, jircievi zjarat taghha fid-dar tieghu;**
**3. Illi l-imputat probationer ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer Carmen Borg b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**4. Illi l-imputat probationer ghandu jattendi kors ta' rihabilitazzjoni mill-problema ta' droga li hu ghandu, b'mod residenzjali fl-iqsar zmien**

**possibbli u dan skond ma tindikalu l-istess Probation Officer Carmen Borg;**
**5. Illi l-imputat probationer ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer Carmen Borg kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer Carmen Borg bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi konsenjata minnufih lil imputat probationer KEVIN CAMILLIERI kif wkoll tigi komunikata lil Probation Officer Carmen Borg skond s-sub artikolu 6 tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------